MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta’ Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 50/2022 LM

**George Samran**
*(‘l-appellat’)*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*(‘l-Aġenzija appellanta’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk ‘l-appellanta’, mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa ’l quddiem ‘il-Bord’], tad-9 ta’ Mejju, 2022 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni appellata’] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li minħabba bidla fl-impjieg mir-rikorrent **George Samran**, hawnhekk ‘l-appellat’, il-Bord ma kellux jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell intavolat quddiemu; ta

direzzjoni lir-rikorrent u lill-prinċipal prospettiv tiegħu iressqu applikazzjoni għal Permess Uniku mill-ġdid u jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha lill-Identity Malta Agency; kif ukoll ta direzzjoni lill-Identity Malta Agency tilqa' u tipproċessa din l-applikazzjoni l-ġdida fuq il-merti tagħha.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent kien jinsab Malta abbażi ta' *Single Permit* li kien validu għall-perijodu bejn it-23 ta' Diċembru, 2020 u l-24 ta' Diċembru, 2021. Fit-8 t'Awwissu, 2021, l-intimata irċeviet *email* mingħand JobsPlus b'lista ta' liċenzji tal-impjieg li jiskadu wara t-8 t'Awwissu, 2021 u li ġew terminati jew b'forma ta' ittra jew b'forma elettronika bejn it-2 t'Awwissu, 2021 u t-8 t'Awwissu, 2021. Jirriżulta li isem ir-rikorrent kien wieħed mill-ismijiet fuq din il-lista, u għalhekk Identity Malta Agency, wara li vverifikat li kien minnu li r-rikorrent kien qiegħed itemm l-impjieg tiegħu ma' Ħalmann Vella Limited fejn kien jaħdem *ai termini* tal-Permess Uniku maħruġ preċedentement, bagħtet tinforma lir-rikorrent li l-permess uniku tiegħu kien qiegħed jiġi revokat. Ir-rikorrent ġie infurmat ukoll li huwa kien qiegħed jingħata għaxart ijiem ċans biex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, wara liema terminu huwa ma jkunx għadu awtorizzat li jibqa' f'Malta legalment. Ir-rikorrent intavola applikazzjoni oħra fid-9 ta' Diċembru, 2021, għaliex kien ser jibda impjieg ġdid mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited, iżda wara li l-intimata għamlet il-verifiki neċessarji, din stabbiliet li fil-mument li r-rikorrent intavola l-applikazzjoni tiegħu, huwa kien qiegħed f'Malta illegalment. L-intimata spjegat li abbażi tar-regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 217.17, hija ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tiċħad l-applikazzjoni tal-applikant. Fil-fatt, f'ittra mibgħuta mill-intimata lir-rikorrent, datata l-20 ta' Jannar, 2022, ġie

spjegat li ladarba r-rikorrent ma kienx qiegħed f'Malta legalment fil-mument li applika għal permess uniku ġdid, l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata, u għalhekk huwa kellu jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex iħalli ż-Żona Schengen.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fejn spjega li huwa wasal Malta fit-30 ta' Ottubru, 2019, u li huwa kien qiegħed f'Malta *ai termini* ta' permess uniku ta' xogħol maħruġ minn Identity Malta. Spjega li huwa beda jaħdem mal-kumpannija Ħalmann Vella bħala sewwieq/xufier (driver), u dan wara li kiseb il-permess tax-xogħol u l-liċenzja tas-sewqan meħtieġa. Spjega li huwa kellu jiġi Malta biex jaħdem sabiex ikun ta' sostenn għal familjari tiegħu fil-Pakistan. Qal li minħabba l-pandemija, is-sigħat tax-xogħol tiegħu tnaqqsulu, u għalhekk id-dħul tiegħu ma kienx biżżejjed biex huwa jkun jista' jgħix f'Malta u jsostni l-familjari tiegħu fil-Pakistan, u għalhekk iddeċieda li kellu jibdel l-impjieg. Qal li kien għalhekk li huwa ddeċieda li jibda jaħdem mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited bħala *driver,* u għalhekk ippreżenta applikazzjoni ġdida ma' Identity Malta Agency għal '*change of employer'.* Qal li huwa kellu jibda l-impjieg tiegħu mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited fl-1 ta' Settembru, 2021, iżda kemm hu kif ukoll il-prinċipal prospettiv tiegħu kienu ftiehmu li l-applikazzjoni għal permess uniku ta' xogħol kellha tiddaħħal fil-ħin ma' Identity Malta Agency sabiex huwa dejjem ikun kopert b'permess ta' residenza. Ir-rikorrent spjega li minkejja dan, l-applikazzjoni min-naħa tal-kumpannija li kienet ser timpjegah iddaħlet tard, wara li huwa ġie żgwidat mid-direttur tal-istess kumpannija li kien

ser jaħdem magħha, li kien informa lir-rikorrent verbalment li kien ser jaħdimlu sabiex jakkwistalu l-permess tax-xogħol meħtieġ. Ir-rikorrent qal li l-iżball tiegħu kien li emmen u fada f'dak li ntqal lilu. Qal ukoll li kull tama li huwa kellu li seta' jgħin lill-familja tiegħu sabiex tinqala' mill-istat ta' faqar li tgħix fih, intemm. Ir-rikorrent spjega li sadanittant, huwa pprova jsib impjieg ieħor, u fil-fatt talab lil-Bord jikkonsidra li jikkonċedilu opportunità oħra sabiex jibqa' f'Malta sabiex ikun jista' jissottometti applikazzjoni fir-rigward tal-impjieg ġdid, din id-darba ma' Smart Recruit Limited. Ir-rikorrent qal li huwa ġie imwiegħed impjieg ġdid ma' din il-kumpannija f'każ li l-appell intavolat minnu quddiem il-Bord ikollu eżitu favorevoli għalih.

4. L-intimata rrispondiet għal dan l-appell, billi qalet li fl-ewwel lok hija ma setgħetx tifhem l-aggravji tar-rikorrent, u li dan naqas milli jelenka l-aggravji li fuqhom qiegħed jibbaża l-appell tiegħu. Qalet li filwaqt li r-rikorrent intavola l-appell tiegħu quddiem il-Bord fit-22 ta' Jannar, 2022, dan naqas milli jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu sal-14 ta' Frar, 2022. L-intimata spjegat li fl-20 ta' Jannar, 2022, hija nfurmat lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi rifjutata għaliex instab li huwa ma kienx qiegħed jgħix f'Malta legalment, u dan skont dak li jipprovdi r-regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qalet li fit-8 t'Awwissu, 2021, l-aġenzija JobsPlus kienet bagħtitilha *email* b'lista ta' 35 liċenzji ta' impjieg li kienu ser jiskadu fit-8 t'Awwissu, 2021, jew li ġew itterminati, u isem ir-rikorrent kien f'din il-lista. L-intimata qalet li ladarba l-kundizzjonijiet li abbażi tagħhom inħareġ il-permess uniku lir-rikorrent ma kinux għadhom jissussistu, huwa ġie infurmat li l-permess tiegħu kien qiegħed jiġi revokat, permezz ta' ittra maħruġa fid-9 ta' Settembru, 2021. L-intimata spjegat li r-rikorrent daħħal applikazzjoni għal permess uniku ġdid fid-

9 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri madwar erba' xhur wara t-tmiem tal-impjieg tiegħu. L-intimata spjegat li minkejja r-revoka tal-permess uniku tar-rikorrent, hija xorta waħda kkonċediet terminu ta' għaxart ijiem li fihom ir-rikorrent kellu jissottometti applikazzjoni ġdida, imma r-rikorrent naqas milli jissottometti applikazzjoni ġdida għal *change of employer* fi żmien l-imsemmija għaxart ijiem, u għalhekk kien qiegħed jitqies li huwa ma kienx għadu f'Malta legalment. Qalet ukoll li minflok rifjut assolut, l-intimata ppruvat tara jekk l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni kienx dispost li jirregolarizza l-pożizzjoni tar-rikorrent, iżda wara li saru l-verifiki meħtieġa, dan iddeċieda li l-i*status* ta' illegalità li kien fiha r-rikorrent ma kellux jiġi regolarizzat.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li ladarba r-rikorrent kien ser jibdel l-impjieg, il-Bord ma kellu jieħu l-ebda konjizzjoni tal-appell intavolat minnu fir-rigward tal-impjieg li r-rikorrent kien ser jibda mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited; talab lir-rikorrent u lill-prinċipal prospettiv tiegħu jintavolaw mill-ġdid applikazzjoni għal permess uniku, u jipprovdu l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa mill-ġdid lil Identity Malta Agency, u ta direzzjoni lill-intimata sabiex tilqa' u tipproċessa din l-applikazzjoni l-ġdida li ser tkun intavolata mir-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"1.**<u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency on 20th January, 2022, the appellant's application for a Single Permit was rejected as he was deemed to not be in a position of conformity with the dictates of Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw the appeal registered on 22nd January, 2022; and*

*Saw the reply filed by Dr Chanel Bantick, on behalf of Identity Malta Agency, on 28th February, 2022.*

***2. Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency stated, in its reply, that through an e-mail sent to it by Jobsplus on 8th August, 2021, it was informed that the appellant's licence to work for Ħalmann Vella Limited had been terminated. Consequently, the Agency revoked the appellant's Single Permit as the principal condition according to which it was issued, which was the appellant's employment, ceased to exist.*

*The Agency explained that on 9th September, 2021, it had issued the appellant with a decision through which it revoked his Single Permit.*

*The Board carried out a quick search in its own records and found no evidence that the appellant had ever appealed the Agency's decision of 9th September, 2021.*

*The Agency continued to explain that the appellant then initiated a new Single Permit application on 9th December, 2021, which was around four months from his last day of work.*

*The Board, at this stage, states that as the Agency revoked the appellant's Single Permit on 9th September, 2021, then in reality, only two months passed between the revocation and the date on which the appellant allegedly initiated a Single Permit application.*

*The Agency explained that as the appellant had failed to lodge a fresh application on the basis of a change in employer within ten days from its decision of 9th September, 2021, he was deemed illegally present and therefore, failed to fulfil any of the alternative requisites contained in Regulation 8 of S.L. 217.17, when lodging his latest application.*

*The appellant explained that following his resignation from his post with Ħalmann Vella Limited, he had applied to join Ġelati Mezzan Limited as a driver. He claimed that he signed an employment contract of indefinite duration on 1st September, 2021. Initial contact between the appellant and Ġelati Mezzan Limited took place some time in July 2021. The appellant claims that following an interview held on 11th July, 2021, he was directed to report for work at that company on 14th July, 2021. His principal, Mr Joseph Mercieca, reportedly assured him that the necessary applications would be submitted. The appellant also claimed that Mr Mercieca assured him that as he as an influential person, the relative permit would be issued.*

*However, it seems that for some reason, the application was submitted at a late stage.*

*In the meantime, the appellant lost interest in working for Ġelati Mezzan Limited and sought work from Smart Recruit Limited.*

*The Board condemns such conduct and observes that its consequences are offered by prospective employees, who end up illegally present in Malta. The prospective employers themselves are mostly unaffected, as they could find a dozen applicants for a vacancy.*

*The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* **Tufale Ahmed vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** *(decided on 9th March, 2022) in which it was stated:*

"Id-deċiżjoni li wieħed japplika sabiex jingħata permess għax-xogħol f'pajjiż terz, mhijiex deċiżjoni faċli u tħalli impatt kbir fuq il-ħajja ta' dak li jkun ..."

*In view of these latest facts, the Board considers that as the appellant no longer wants work for Ġelati Mezzan Limited, it is pointless to examine the appealed decision any further. For that reason, the Board shall not take further cognizance of the appellant's appeal insofar as that specific decision is concerned.*

*However, in view of the appellant's stated wish to take up employment with Smart Recruit Limited, the Board, in the interest of justice as well as in view of all the considerations made hereinabove, particularly those relating to the way he was*

*treated by Ġelati Mezzan Limited shall afford the applicant a specific timeframe within which to lodge the relative application for that purpose.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board:*
*i. Declines to take further cognisance of the appellant's appeal insofar as such appeal relates to the appealed decision;*
*ii.* ***Directs the appellant and his new prospective employer, whomsoever it may be, to lodge the required Single Permit application and to provide all the required information and documentation to Identity Malta Agency within two weeks from receipt of its decision;*** *and*
*iii. Directs Identity Malta Agency to receive and to process the new application on its merits.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-intimata ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fis-17 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tad-9 ta' Mejju, 2022, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-intimata tal-20 ta' Jannar, 2022, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

7. L-appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha l-Bord ta deċiżjoni li hija *ultra petita* u *extra petita,* kif ukoll għamel apprezzament żbaljat tal-liġi. L-appellanta qalet li l-Bord kellu quddiemu appell minn deċiżjoni tagħha dwar applikazzjoni għal *single permit* partikolari. Spjegat li *single permit* (permess uniku) dejjem ikun marbut ma' impjieg partikolari, u fil-każ odjern l-impjieg prospettiv kellu jkun ma' Ġelati Mezzan Limited. Qalet li l-Bord kellu jieħu konjizzjoni biss tal-permess uniku mertu tal-appell miġjub quddiemu u

mhux jidderieġi dwar applikazzjoni għal permess ineżistenti u futur. Qalet li għalhekk il-Bord kellu jieqaf mal-ewwel punt tad-deċiżjoni tiegħu, u mhux ikompli jidderieġi lill-applikant u lill-appellanta dwar applikazzjonijiet għal permessi oltre l-mertu tal-appell. Qalet li kieku hija kellha timxi mad-deċiżjoni appellata fil-punt numru (iii) tagħha, dan ikun ifisser li kull applikazzjoni għal permess uniku li l-appellat jagħmel fi żmien ġimagħtejn mid-deċiżjoni appellata, jkollha tiġi pproċessata fil-mertu u mhux proċeduralment. Qalet li dan ifisser li jekk l-applikazzjoni jkollha nuqqasijiet gravi proċedurali, hija ser tkun prekluża milli tikkunsidrahom. L-appellanta ċċitat numru ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna sabiex issostni li l-politika tal-immigrazzjoni fil-pajjiż għandha titfassal mill-Eżekuttiv u mhux mill-Qrati. Qalet ukoll li l-Bord kellu joqgħod fil-limiti tal-kontestazzjoni li kellu quddiemu, u għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni.

8. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tar-Regolament 8 (1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Qalet li minkejja li t-terminu ta' għaxart ijiem mogħti *ex gratia* minnha mhuwiex misjub fil-liġi, l-applikant għandu għad-dispożizzjoni tiegħu *checklist* tad-dokumenti neċessarji li hija pubblika u disponibbli *online.* Qalet li l-applikant huwa l-individwu u mhux il-*prospective employer,* u għalhekk hija responsabbiltà tal-applikant minn pajjiż terz u mhux tal-prinċipal prospettiv li jara li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata. Qalet li għalhekk m'għandux ikun li l-applikant jagħti d-dokumentazzjoni kollha lill-prinċipal prospettiv tiegħu u jabbanduna l-applikazzjoni, kif jidher li sar f'dan il-każ. L-appellanta spjegat li l-applikant kien fit-territorju ta' Stat Membru illegalment *ai termini* tar-Regolament 8 (1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan għaliex filwaqt li

l-impjieg tiegħu ma' Ħalmann Vella Limited ġie tterminat bejn it-2 t'Awwissu, 2021 u t-8 t'Awwissu, 2021, huwa ppreżenta applikazzjoni għal permess uniku erba' xhur wara, jiġifieri fid-9 ta' Diċembru, 2021.

9. L-appellanta spjegat li hija ma setgħetx tilqa' applikazzjoni magħmula mill-appellat *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, li ttrasponiet id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, li tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment f'istat Membru sabiex jintavola applikazzjoni. Żiedet tgħid li bħala aġenzija, hija m'għandhiex il-mansjoni li tirregola l-pożizzjoni irregolari tal-applikanti, u minkejja li saret komunikazzjoni mal-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, il-pożizzjoni tal-appellat baqgħet mhijiex regolarizzata. L-appellanta qalet li għalhekk għandu jirriżulta li l-applikazzjoni ġiet intavolata minn ċittadin terz li kien jinsab hawn Malta illegalment, u li peress li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma jagħtu eżenzjoni minn din ir-regola, l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. L-appellat qal li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Spjega li huwa wasal Malta fit-30 ta' Ottubru, 2019, u kien ilu jgħix Malta meta ngħata l-permess tax-xogħol mill-appellanta. Spjega li huwa wasal Malta wara li kien offrut xogħol mis-soċjetà Ħalmann Vella Limited, u huwa kien

jaħdem ma’ din il-kumpannija bħala xufier wara li kiseb il-permess tax-xogħol u l-liċenzja tas-sewqan meħtieġa. Qal ukoll li huwa kellu jaħdem sabiex isostni l-familjari tiegħu fil-Pakistan, u huwa kien iħallas it-taxxa f’Malta. Qal li minħabba l-effetti tal-pandemija, il-kumpannija li kien qiegħed jaħdem magħha naqqsitlu s-sigħat ta’ xogħol, u għalhekk id-dħul tiegħu ma kienx biżżejjed biex huwa seta’ jkompli jgħix f’Malta u jsostni l-familja tiegħu f’pajjiżu. Qal li qabel emigra lejn Malta, huwa ssellef ammonti sostanzjali ta’ flus minn fuq l-idejn, u kien minħabba fin-nuqqas ta’ dħul u pressjoni li bdiet issirlu minn min silfu l-flus biex jiġi Malta, li l-appellat iddeċieda li jitlaq l-impjieg li kellu ma’ Ħalmann Vella Limited sabiex jibda jaħdem bħala sewwieq mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited. Qal li huwa rċieva ittra ta’ terminazzjoni tal-impjieg li kellu ma’ Ħalmann fid-9 ta’ Lulju, 2021, iżda huwa għamel minn kollox sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu mal-appellanta. Qal li huwa kien iffirma kuntratt sabiex jaħdem mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited bħala xufier, liema kuntratt ta’ impjieg kellu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Settembru, 2021, u kien hemm qbil bejnu u bejn il-kumpannija li kellha timpjegah, li l-applikazzjoni tiegħu għal permess uniku kellha tiġi ppreżentata lill-appellanta fil-ħin sabiex tikkombaċja mal-ittra ta’ terminazzjoni tal-impjieg preċedenti. Qal li għal żmien twil huwa kien taħt l-impressjoni żbaljata li l-kumpannija Ġelati Mezzan kienet bdiet il-proċess mal-appellanta, iżda dan ma kienx sar fil-ħin, u dan bi preġudizzju għall-jeddijiet tal-appellat. Qal li huwa kellu intervista għall-impjieg fil-11 ta’ Lulju, 2021, u kien id-direttur ta’ din il-kumpannija li talab lill-appellat jibda jaħdem minnufih bħala xufier. L-appellat qal li d-direttur ta’ din il-kumpannija lilu dejjem assigurah li kien ser jara li jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet kollha fil-ħin, u huwa kien intalab iħallas it-tariffa ta’ €280 lill-

appellanta kif ukoll depożitu ta' €500 sabiex ikopri kull spiża u multa futura rigward kwalunkwe ksur tar-Regolamenti tat-Traffiku li jista' jikkommetti l-appellat. Qal li huwa kien ħallas l-ammonti kollha li ntalab iħallas, u d-direttur tal-kumpannija li kellha timpjegah baqa' jassigurah li l-permessi meħtieġa kienu ser jinkisbu.

11. L-appellat qal li huwa ċittadin tal-Pakistan, fejn titħaddem *social cult system,* u spjega li dan ifisser li kull klassi soċjali għandha żżomm postha fis-soċjetà. Qal li kien minħabba l-isfond kulturali u soċjali tiegħu li huwa emmen u fada f'dak li ntqal lilu minn min kellu jimpjegah, u huwa baqa' jemmen li l-pożizzjoni tiegħu kienet ser tiġi regolarizzata sal-ġurnata li rċieva l-ittra ta' rifjut mill-appellanta. Qal ukoll li din is-sitwazzjoni lilu kkawżatlu ħafna stress mhux meħtieġ, anki għaliex irrealizza li l-isforzi kollha tiegħu sabiex familtu tinqala' mill-faqar, kienu ser jisfumaw fix-xejn. Qal li kien f'dan l-isfond li huwa rrealizza li ma setax jaħdem mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited, u għalhekk ra kif kiseb dikjarazzjoni ġdida mingħand imprenditur ieħor li ra li jista' jorbot fuqu, u kien b'dan f'moħħu li huwa talab lill-Bord jagħtih opportunità oħra jibqa' f'Malta sabiex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu mill-ġdid. Qal li s-soċjetà Smart Recruiting Limited lilu wegħditu impjieg sod, suġġett għall-eżitu ta' dan l-appell. L-appellat spjega li anki biex ingaġġa avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jirrappreżentah f'dan il-proċeduri, kellu xi diffikultajiet, u sadanittant iż-żmien baqa' għaddej kontra tiegħu.

12. L-appellat għamel riferiment għad-disposizzjonijiet tal-artikoli 1029, 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili, u qal li huwa ma setax jagħmel l-impossibbli. L-appellat semma diversi prinċipji legali oħra, kif ukoll ikkwota minn ġurisprudenza ta'

Qrati barranin, li fil-fehma ta' din il-Qorti m'għandha l-ebda applikazzjoni la għas-sitwazzjoni tiegħu u lanqas f'dawn il-Qrati. Finalment l-appellat qal li huwa vittma ta' żball *bona fide,* u f'każ li kien hemm xi żball, dan ma kienx wieħed intenzjonat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-ewwel aggravju:* *[deċiżjoni* ultra petita *u* extra petita]

14. L-appellanta tikkontendi li d-deċiżjoni tal-Bord għandha titqies li hija nulla għaliex il-Bord kellu jieħu konjizzjoni biss tat-talba għall-ħruġ ta' permess uniku li kellu quddiemu, mingħajr ma jqis ċirkostanzi oħra. Qalet li l-applikazzjoni ippreżentata mill-appellat kienet fir-rigward ta' impjieg partikolari, dak mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited, liema impjieg baqa' ma seħħx għaliex l-appellat iddeċieda li ma riedx jaħdem ma' din il-kumpannija, wara li din naqset milli tissottometti d-debita applikazzjoni mal-awtoritajiet sabiex is-soġġorn tal-appellat f'Malta jiġi regolarizzat. L-appellanta qalet li hija ma tistax taderixxi mad-direzzjoni mogħtija lilha mill-Bord, partikolarment f'punt (iii) tad-deċiżjoni, għaliex jekk tosserva d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord, ser tkun kostretta tipproċessa l-applikazzjoni futura li ser idaħħal l-appellat anki jekk din ikun fiha xi mankanzi proċedurali. L-appellanta saħqet li l-Bord kellu jiddeċiedi fil-limiti tat-talbiet u l-kawżali li kellu quddiemu, u ma setax jordnalha tieħu konjizzjoni

ta' applikazzjonijiet futuri jew sitwazzjonijiet ipotetiċi, bħal ma huwa l-impjieg futur li jixtieq li jkollu l-appellat.

15. Il-Qorti tqis li l-appellat ilu li wasal Malta minn Ottubru tal-2019, u sa Settembru tal-2021 huwa dejjem kien kopert b'permessi għal residenza jew xogħol maħruġa mill-appellanta. F'Awwissu tal-2021, l-appellanta ġiet infurmata li l-impjieg li kellu l-appellat ġie tterminat. L-appellat spjega li huwa fittex impjieg alternattiv, u kien ġie offrut impjieg bħala xufier mal-kumpannija Ġelati Mezzan Limited. Qal ukoll li huwa ħallas it-tariffi relatati mal-applikazzjoni għal *change of employer,* kif ukoll miżata oħra sabiex ikun kopert f'każ ta' inċidenti stradali jew kontravvenzjonijiet li jista' jinstab responsabbli għalihom waqt il-qadi ta' dmirijietu bħala xufier, kif ukoll ħa ħsieb jissottometti d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa lill-prinċipal prospettiv sabiex dan jieħu ħsieb jirregolarizza l-i*status* tal-appellat f'Malta mal-awtoritajiet kompetenti. Jirriżulta li minkejja li saru ħafna wegħdiet u minkejja li saħansitra kien hemm ftehim bejn l-appellat u l-prinċipal prospettiv li l-applikazzjoni l-ġdida għal permess uniku tiegħu kienet ser tiġi ppreżentata b'mod li t-tmiem tal-impjieg preċedenti u l-bidu tal-impjieg il-ġdid jikkombaċjaw ma' xulxin, dan baqa' ma seħħx. Il-konsegwenza ta' dan kienet li meta l-appellat sar jaf li huwa ma kien kopert bl-ebda permess, u għalhekk kien qiegħed fi stat ta' illegalità f'Malta, huwa ddeċieda li jfittex impjieg alternattiv ma' kumpannija li setgħet tħaddmu u li kienet disposta tapplikalu għal permess uniku ġdid sabiex is-sitwazzjoni tiegħu tiġi regolarizzata. Sadanittant l-appellat ġie infurmat li huwa kellu jħalli Malta u ż-Żona Schengen minnufih.

16. F'sentenzi preċedenti tagħha l-Qorti kemm-il darba ppronunzjat ruħha fis-sens li hemm bżonn li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' kif applikanti bħall-appellat qegħdin jintalbu jirregolarizzaw l-i*status* tagħhom f'Malta. Is-sitwazzjoni fejn l-applikant huwa biss mistenni li jħallas it-tariffi relattivi, iżda fejn il-proċess tal-applikazzjoni tiegħu u s-sottomissjonijiet f'ismu huma kkontrollati interament minn min ser iħaddmu, mhijiex sitwazzjoni tenibbli. Fil-każ odjern jirriżulta li filwaqt li l-appellat għamel dak kollu li kien mistenni minnu sabiex jottempera ruħhu mar-regolamenti u jipprova jintavola applikazzjoni mal-awtoritajiet fil-ħin, għal xi raġuni l-prinċipal prospettiv tiegħu ma ħassx l-istess urġenza, u ma kkonsidrax kemm kien importanti għall-appellat li d-dokumentazzjoni mitluba minnu sabiex l-applikazzjoni tiegħu tkun tista' tiġi pproċessata, tiddaħħal fil-ħin. Iżda l-appellat ma kellu l-ebda kontroll fuq dan kollu, u meta sar jaf li huwa ma kienx kopert b'permess tax-xogħol jew ta' residenza u għalhekk kien ser ikollu jħalli Malta u ż-Żona Schengen, l-unika ħaġa li seta' jagħmel kienet li jappella mid-deċiżjoni tal-appellanta billi jressaq appell quddiem il-Bord.

17. Kif diġà kellha l-opportunità tosserva f'sentenzi oħrajn tagħha, il-Qorti tqis li anki t-terminu ta' għaxart ijiem konċess biex applikant jirregolariza ruħu wara li jitlef l-impjieg tiegħu, huwa terminu qasir wisq, anki f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn persuna diġà jkollha impjieg alternattiv jistenniha wara li ttemm l-impjieg li għalih ikun inħareġ il-Permess Uniku. Fil-każ odjern jirriżulta li minkejja li l-appellat kellu impjieg alternattiv, min kien ser iħaddmu ma ħax ħsieb jipproċessalu d-dokumenti fil-ħin. Huwa fatt magħruf li minkejja li applikazzjonijiet bħal dawn isiru f'isem l-applikant, fil-verità l-*portal* li fih jittellgħu d-dokumenti u jsiru s-sottomissjonijiet, huwa kkontrollat mill-

prinċipali prospettivi, u l-applikant m'għandu l-ebda kontroll la fuq meta tiddaħħal l-applikazzjoni f'ismu u lanqas fuq il-mod kif din tiġi pproċessata. Persuni bħall-appellat m'għandhom sehem ta' xejn, lanqas meta jkunu ħallsu t-tariffi relattivi u ottemporaw ruħhom b'mod assolut ma' dak kollu li jintalab minnhom, jekk il-prinċipal prospettiv tagħhom jibqa' ma jagħmilx dak li jkun ipprometta u dak li jaf li huwa obbligu tiegħu li jagħmel, kif ġara fil-każ odjern. Il-Qorti tissottolinja d-dimensjoni umana ta' dan il-każ, fejn jirriżulta l-appellat huwq persuna li daħal fi spejjeż kbar biex seta' jiġi Malta u jfittex futur aħjar hawnhekk, filwaqt li għandu familja u ġenituri x'imantni fil-Pakistan. Il-Qorti tqis li ma tkunx qed twettaq ġustizzja jekk tiddeċiedi b'mod differenti minn kif iddeċieda l-Bord, għaliex fil-verità l-Bord ma seta' jiddeċiedi bl-ebda mod ieħor għajr kif iddeċieda, quddiem l-ispjegazzjoni mogħtija mill-appellat. Ladarba l-appellat stqarr li huwa kien diġà sab impjieg alternattiv ma' kumpannija li hija tabilħaqq disposta li tirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu f'Malta, il-Bord ma setax jiddeċiedi l-appell tal-appellat abbażi ta' impjieg li l-appellat mhuwiex aktar dispost li jidħol għalih. Il-Bord ma talabx lill-appellanta tilqa' l-applikazzjoni tal-appellat u tassigura li jinħariġlu l-permess mitlub, iżda talabha biss tilqa' u tipproċessa l-applikazzjoni tal-appellat bħallikieku din qegħda ssir għall-ewwel darba. Għaldaqstant, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-aggravju tal-appellanta li d-deċiżjoni tal-Bord eżorbitat it-talba jew il-kweżit li dan kellu quddiemu, għaliex din kienet l-aktar deċiżjoni raġonevoli li l-Bord seta' jagħti fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

*It-tieni aggravju:* *[apprezzament żbaljat tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-L.S. 217.17]*

18. L-appellanta tgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi għaliex dan kellu jqis li l-appellat ma kienx qiegħed leġittimament fit-territorju ta' Stat Membru *ai termini* tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, li hija l-liġi applikabbli. Qalet li ladarba l-impjieg tal-appellat ġie tterminat, u dan baqa' ma rregolarizzax il-pożizzjoni tiegħu fi żmien għaxart ijiem konċessi minnha, huwa kellu jitqies li qiegħed fit-territorju Malti b'mod illeġittimu, u li huwa immigrant ipprojbit.

19. Il-Qorti tqis li mill-provi miġjuba jirriżulta li l-appellat kien ilu jgħix f'Malta b'mod leġittimu mis-sena 2019, u huwa dejjem kien kopert bil-permessi meħtieġa biex ikun jista' jgħix f'Malta. Jirriżulta wkoll li kien biss meta l-impjieg tal-appellat ġie tterminat, li l-permess uniku li dan kellu ġie invalidat. Il-Qorti tqis li f'każijiet ta' dix-xorta, fost il-fatturi li għandhom jiddeterminaw jekk id-deċiżjoni appellata hijiex waħda ġusta jew le, għandu jkun hemm ir-raġonevolezza tagħha u d-dimensjoni umana tal-każ. Din il-Qorti kemm-il darba ppronunzjat ruħha fis-sentenzi tagħha fis-sens li l-konċessjoni ta' għaxart ijiem mogħtija mill-appellanta sabiex persuna fis-sitwazzjoni tal-appellat jirregolarizza ruħu, mhijiex waħda raġonevoli u li tagħmel sens. Fil-każ odjern il-Qorti għandha quddiemha persuna li għamlet l-almu kollu tagħha biex tirregolarizza l-qagħda tagħha f'Malta, f'ċirkostanzi fejn il-pajjiż kien qiegħed jaffaċċja l-konsegwenzi ta' pandemija globali li affettwat kull aspett tal-ħajja, l-appellat sab ruħu fis-sitwazzjoni diffiċli fejn min suppost li kellu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu fil-ħin, naqas milli jagħmel dan.

20. Il-Qorti ma tarax li hija raġonevoli l-pożizzjoni tal-appellanta li biex l-appellat ikun meqjus li qiegħed f'Malta b'mod leġittimu, dan għandu joħroġ miż-

Żona Schengen, jitlaq lura lejn pajjiżu, u jissottometti applikazzjoni ġdida minn hemmhekk, partikolarment meta wieħed iqis l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u problemi loġistiċi oħra li persuni fis-sitwazzjoni tal-appellat iridu jħabbtu wiċċhom magħhom. M'hemm xejn fl-interpretazzjoni tal-liġi mogħtija mill-appellanta li huwa raġonevoli f'dan kollu. Barra minn hekk, in vista ta' dak li ġie deċiż fir-rigward tal-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, ma jistax jingħad li l-appellat qiegħed f'Malta illegalment, sakemm ikun hemm eżitu finali għall-applikazzjoni tiegħu. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-aggravju tal-appellanta ukoll mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**